MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 767/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**1. AC Cars Manufacturing Limited (C 30159).**
**2. Alan David Lubinsky**
**u b'nota tal-21 ta' Novembru 2007 John Owen assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta' l-assenti l-konvenut Lubinsky.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 17 ta' Lulju 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Christina Saydon datat fil-21 ta'

Novembru 2005 (Dok. “A”) is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited;

Illi socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited fis-somma ta’ hamsa u tletin elf, seba’ mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm35,732.56 = €83,234.47) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B24 flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Gunju 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi permezz ta’ skrittura privata u cioe` dik datata fis-26 ta’ Lulju 2006 (Dok. “C”) il-konvenut Alan David Lubinsky iggarantixxa flimkien u “*in solidum*” mas-socjeta` AC Cars Manufacturing Ltd. mal-Bank of Valletta;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` konvenuta  AC Cars Manufacturing Limited:-

(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f' obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited u lill-konvenut Alan David Lubinsky flimkien "*in solidum*" ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, seba' mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm35,732.56 = €83,234.47) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta` AC Cars Manufacturing Limited flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti kif jidher minn fol. 3 sa fol. 37 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-21 ta' Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Katya Mercieca ghas-socjeta` konvenuta u l-konvenut. Dr. Mercieca pprezentat nota ta' ammissjoni da parti tas-socjeta` konvenuta ghat-talbiet attrici. Ipprezentat ukoll nota li biha John Owen, prezenti, assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta' l-assenti konvenut Lubinsky u l-istess John Owen ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat u bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza u rtira kopja ta' l-istess dokument *seduta stante*. Il-

kawza giet differita ghall-prezentata tar-risposta guramantata da parti tal-konvenut ghas-17 ta' Jannar 2008; u l-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Dominic Cassar ghas-socjeta` rikorrenti li kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub ghadu dovut. Dr. Katya Mercieca msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghad-29 ta' Mejju 2008. Aktar tard dehret Dr. Katha Mercieca ghall-intimat prezenti, li pprezentat nota ta' ammissjoni ghan-nom ta' l-intimat John Owen *nomine* u dan konsegwenti ghan-nota attrici tar-riduzzjoni datata 21 ta' Dicembru 2007.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza li l-azzjoni attrici giet ammessa mis-socjeta' konvenuta permezz ta' nota datata 21 ta' Novembru 2007; in kwantu ghall-konvenut Alan David Lubinsky jirrizulta li s-socjeta' attrici b'nota datata 21 ta' Dicembru 2007 irriduciet it-talba taghha fil-konfront tal-istess ghall-ammont ta' tlettax il-elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghal sitt elef lira Maltija (Lm6,000) u l-istess konvenut ammetta t-talbiet attrici fl-istess ammont hekk ridott u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta'u fil-konfront tal-konvenut Alan David Lubinsky fl-ammont ta' €13,976.24 (Lm6,000), u dan fuq ammissjonijiet rispettivi tas-socjeta' konvenuta u tal-konvenut, kollox kif hawn indikat f'din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta permezz ta' nota datata 21 ta' Novembru 2007, u wara n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici datata 21 ta' Dicembru 2007 fil-konfront tal-konvenut Alan David Lubinsky, fuq ammissjoni tal-istess konvenut Alan David Lubinsky ghall-ammont hekk ridott skond nota ta' ammissjoni datata 17 ta' April 2008, **tilqa' t-talbiet attrici kif proposti kontra s-socjeta' konvenuta u kif ridotti fil-konfront tal-konvenut Alan David Lubinsky** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limtied li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta AC Cars Manufacturing Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tmenin elf mitejn u erbgha u tletin Ewro u sebgha u erbghin centezmu [€83,234.47] (ekwivalenti ghal hamsa u tletin elf, seba' mija u tnejn u tletin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm35,732.56) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta` AC Cars Manufacturing Limited u tikkundanna lill-konvenut Alan David Lubinsky li mill-istess somma fuq indikata jhallas lis-socjeta' attrici u "*in solidum*" mas-socjeta` konvenuta l-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) ekwivalenti ghall-ammont ta' sitt elef lira maltija (Lm6,000) u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat attrici u tali somma kollha hekk kannonizzata hija dovuta flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *"in solidum"* bejniethom sal-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24 = Lm6,000), u ghall-bqija tas-somma hawn kannonizzata kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------